XEWKIJA

*MINUTI*
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 436***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 64***
***L-Erbgħa 15, ta' Frar 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella – Viċi Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Dr Marthese Portelli -- Kunsillier*

-------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Mr. Carmel Grima --- Uffiċjal*

*Intqalet it-Talba.*

**1. Karnival 2012**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kien qed isiru ħafna preparamenti tal-karnival. L-attivitajiet fix-Xewkija ser jsiru fis-17, 18, u 19 ta' Frar.

**2. <u>Kwotazzjonijiet</u>**

a) PA system għas-Sibt 18 ta' Frar fil-Karnival

Il-Kunsill fetaħ l-offerti kien hemm erbgha kwotazzjonijiet. Dawn kienu:- Mario Borg €250.00 (VAT inkluz), Power Sound €177.00 (VAT inkluz), Power Sound€271.40 (VAT inkluz), Visage Sound €165.00 (VAT mhux inkluz). Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni ta' Mario Borg.

Is-Segretarja kienet nfurmat lill-Kunsill li l-computer tagħa kien qed jieqaf kontinwament bil-ħsara. It-technician kien ta parrir li aħjar jinbidel għax ma kienx jiflaħ il-volum ta' xogħol li kien qed jinħadem bih u s-sistemi tal-LES etc. Il-Kunsill qabel li kellu jinstara computer gdid filwaqt li dak li qed jintuza prezentament jibqa jintuza ghal certu xoghol biss.

b) Tower tal-Computer Gdid

Il-Kunsill fetaħ l-offerti kien hemm erbgha kwotazzjonijiet. Dawn kienu:-

Island Tech €470.00 (VAT inkluz), ICS €439.00 (VAT inkluz), €589.00 (VAT inkluz), €829.00 (VAT inkluz). Il-Kunsill għazel il-kwotazzjoni ta' Island Tech.

### 3. Fidwa 2012

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hi kellha meeting ma' Charles Borg tat-Teatru Giovanni u l-Għaqda Drammatika Xewkija. Gie diskuss li ser jsir zewġ prezentazzjonijiet ta' siegħa u nofs il-wahda. Charles qal li għandu l-iscript lest u ser jiltaqa mal-kunsillier Teddy Mizzi biex jiffinalizza l-program.

### 4. Trasport Pubbliku

Il-Kunsill ilu hafna jistenna s-servizz tar-rotta tat-trasport pubbliku li tghaddi minn Triq Canga, Triq Santa Marija, Triq Torri Tingi, Triq San Zakkarija, Pjazza San Gwann battista, Triq l-Indipendenza u lura lejn ir-Rabat, biex jerga' jigi ipprovdut fix-Xewkija. Minkejja li l-Kunsill gie mwieghed dan is-servizz minn meta tnehha fl-4 ta' Lulju 2011 u cioe minn meta bdiet topera l-Arriva, sal-lum is-servizz ghadu ma nghatax lura lir-residenti. Il-Kunsill qed ihabbat wiccu ma' numru kbir ta' ilmenti specjalment minghand l-anzjani li jghixu f'dawn l-inhawi u ma ghandhom l-ebda mezz iehor tat-trasport. Il-Kunsill qed jistenna l-Kwotazzjonijiet li saret talba ghalihom wara l-laqgha numru 435.

### 5. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

### 6. Ilmenti u Suġġerimenti

Il-Kunsill iddeċida li għandha tinkiteb ittra lil Ministru għal Ghawdex rigward l-istat ta' manutenzzjoni ħazin ħafna li tinsab Triq il-Ħamrija peress li din hi triq arterjali u, jgħaddi ħafna traffiku minn go fiha, speċjalment matul din l-aħħar sena minn meta beda l-proġett ta' Triq l-Mġarr.

Il-Kunsill qed iħabbat wiċċu ma' numru kbir ta' ilmenti dwar l-istat tat-toroq fix-Xewkija konsegwenza tal-volum tat-traffiku, speċjalment ta' trakkijiet u ngenji kbar, li qed jigi devjat għax-Xewkija minhabba l-progett tat-triq l-arterjali u cioe Triq l-Imgarr li qed isir mit-Transport Malta. It-toroq milquta principalment huma Triq San Bert, Pjazza San Ġwann Battista, Triq l-Indipendenza, Triq il-Mitħna u Triq il-

Ħamrija. Il-Kunsill ddecida li ghandha tinkiteb ittra lil Transport Malta biex jaghmlu manutenzjoni adegwata.

Il-Kunsillier Hubert Saliba staqsa jekk il-Kunsill hux ser ihallas is-servizzi tad-dranagg il-godda tar-residenti ta' Triq l-Għarus. Is-Sindku informat li l-Kunsill qatt ma ħallas servizzi tad-drenagg u dawn il-house conncetions għandhom jitħallsu mir-residenti.

Il-Kunsill ircieva Inspection report dwar il-Playgrounds. Il-Kunsill ser joħrog tender biex jitrangaw il-ħsarat li hemm. Il-Kunsill kien applika għall-iskema tal-manutenzjoni tal-Playing Fields li ħarget xi xhur ilu izda sal-lum ghad ma hemmx rizultat ta' din l-iskema.

Il-Kunsill ircieva suġġeriment mingħand Frenc Buttigieg, Vjal il-Labour dwar zbir ta' sigar fi Gnien ta' Blankas. Il-Kunsill qal li hemm proġett għaddej fi Gnien Ta' Blankas u dawn jinżabru skond iz-zmien.

### 7. Arblu tad-dawl misruq fi Triq Indri Borg

Is-Sindku nfurmat li kienet rat lil xi nies jaqalghu arblu tad-dawl fi Triq Indri Borg. Hi minnufih għamlet rapport lil Pulizija fejn gew fuq il-post u hadu d-dettalji. Il-Pulizija ghandha tinvestiga din il-kaz.

### 8. Premju 'Familja Qalb tad-Deheb

Is-Sindku infurmat li l-Premju ta' Familja Qalb tad-Dehb inghata lil-familja mix-Xewkija. Peress li s-Sindku kienet marida hi ma setghetx tattendi ghas-serata. Ghalhekk il-Vici-Sindku u l-Kunsilliera kienu gew infurmati biex imur xi hadd minnhom. Is-Sindku kienet infurmat lill-organizzaturi li hi kienet indisposta. Is-Sindku staqsiet jekk kienx mar xi hadd mill-Kunsill. Il-Kunsilliera wiegbu li hadd minnhom ma attenda. Is-Sindku ssuggerit li l-Kunsill jaghti rikonoxximent lil din il-familja li akkwistat dan it-titlu prestigjuz f'okkazjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 9. Rapport Annwali 2012 tal-Banda Prekursur

Il-Kunsill ircieva r-rapport annwali tal-Banda Prekursur fejn issemma li fis-seminar li sar mill-Banda 'gie innotat hafna n-nuqqas ta' attendenza ta' awtoritajiet lokali wara li kienu ikkonfermaw'. Is-Sindku nformat lil kunsill li hi kienet avzat lis-Segretarju tal-Banda Carmel Attard li hi ma setex tattendi peress li dakinhar kellha diga impenji ohra li kien ilhom iffissati izda jekk tehles kmieni kienet tattendi ghall-ahhar parti tas-seminar. Irrizulta li hadd mill-Kunsilliera l-ohra ma attenda ghas-seminar. Il-Kunsill b'dispjacir innota ukoll li ma issemix fuq ir-rapport annwali l-ghajnuna li l-Kunsill tat lil-Banda Prekursur. Il-Kunsill qabel li għadna niktbu ittra fejn tiġi ccarata l-pozizzjoni tal-Kunsill.

**14.Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fid-9:10p.m. Il-Kunsill iffissa data għal Laqgħa tal-Kunsill nhar it-Tlieta 7 ta’ Marzu fis-6:00 p.m.

Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Ezekuttiv

Dr Monica Vella
Sindku